**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Odvolací finanční reditelství

*Konvenut:* Český rozhlas

**Domanda preliminari**

Ix-xandir radjofoniku pubbliku, iffinanzjat mit-tariffi mħallsa skont il-liġi, li l-persuna taxxabbli hija suġġetta għalihom għar-raġuni li hija tkun is-sid jew tkun fil-pussess ta' riċevitur tar-radju jew għal raġuni legali oħra li tagħtiha d-dritt li tuża l-imsemmi riċevitur, li l-ammont tagħhom huwa ffissat mil-liġi, jista' jiġi kklassifikat bħala "provvista ta' oġġetti u servizzi magħmula bi ħlas" fis-sens tal-Artikolu 2(1) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE ([1]), tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, li għandha tiġi eżentata mit-taxxa fuq il-valur miżjud skont l-Artikolu 13A(1)(q) tal-imsemmija direttiva, jew jikkostitwixxi attività mhux ekonomika li assolutament ma hijiex suġġetta għat-taxxa fuq il-valur miżjud skont l-Artikolu 2 tas-Sitt Direttiva, u li lanqas ma hija suġġetta għall-eżenzjoni tat-taxxa prevista fl-Artikolu 13A(1)(q) tal-imsemmija direttiva?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht München (il-Ġermanja) fil-21 ta' Jannar 2015 – Josef Plöckl vs Finanzamt Schrobenhausen**

**(Kawża C-24/15)**

(2015/C 138/38)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht München

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Josef Plöckl

*Konvenut:* Finanzamt Schrobenhausen

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 22(8), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 28cA(a) u l-Artikolu 28cA(d) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE ([1]), tas-17 ta' Mejju 1977, jawtorizzaw lill-Istati Membri jirrifjutaw l-għoti tal-eżenzjoni għal kunsinna intra-Komunitarja (hawnhekk, trasferiment intra-Komunitarju), meta għalkemm il-fornitur ma jkunx ħa l-miżuri raġonevoli kollha dwar ir-rekwiżiti formali marbuta mal-indikazzjoni tan-numru ta' identifikazzjoni għat-taxxa fuq il-valur miżjud, ma jkun hemm ebda indizju serju li jissuġġerixxi l-eżistenza ta' frodi, meta l-oġġett ikun ġie ttrasferit għal destinazzjoni ta' Stat Membru ieħor u meta l-kundizzjonijiet l-oħra ta' eżenzjoni jkunu ssodisfatti wkoll?

([1]) Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: Bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Giustizia Amministrativa per la Regione siciliana (l-Italja) fit-22 ta' Jannar 2015 – Pippo Pizzo vs CRGT srl**

**(Kawża C-27/15)**

(2015/C 138/39)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Giustizia Amministrativa per la Regione siciliana

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Pippo Pizzo

*Konvenuta:* CRGT srl

**Domandi preliminari**

1) L-Artikoli 47 u 48 tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] ([1]) għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik Taljana deskritta hawn fuq, li tippermetti l-użu, b'mod frazzjonat, tal-kapaċitajiet ta' terz, fiċ-ċirkustanzi msemmija iktar 'il fuq?

2) Il-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, ta' ċertezza legali u ta' proporzjonalità jipprekludu regola tal-ordinament ġuridiku ta' Stat Membru li tippermetti l-esklużjoni minn proċedura ta' sejħa għal offerti pubblika ta' impriża li ma rrealizzatx, minħabba li ma kienx jissemma' fid-dokumenti tas-sejħa għal offerti, li kellha obbligu – li n-nuqqas ta' osservanza tiegħu huwa ppenalizzat bl-esklużjoni mill-proċedura – ta' ħlas ta' somma għall-parteċipazzjoni fl-imsemmija proċedura, minkejja l-fatt li l-eżistenza ta' dan l-obbligu ma tistax tiġi dedotta b'mod ċar mill-interpretazzjoni litterali tal-liġi fis-seħħ fl-Istat Membru, iżda madankollu tista' tiġi rrikostruwita bi tranżazzjoni ġuridika doppja li tikkonsisti, fl-ewwel lok, fl-interpretazzjoni wiesgħa ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt pożittiv tal-istess Stat Membru u, fit-tieni lok, konformement ma' dak li jirriżulta minn din l-interpretazzjoni wiesgħa, fl-integrazzjoni tad-dispożizzjonijiet imperattivi li jinsabu fid-dokumenti tas-sejħa għal offerti?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-College van Beroep voor het Bedrijfsleven (il-Pajjiżi l-Baxxi) fit-23 ta' Jannar 2015 – Koninklijke KPN NV *et* vs Autoriteit Consument en Markt (ACM)**

**(Kawża C-28/15)**

(2015/C 138/40)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

College van Beroep voor het Bedrijfsleven

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Koninklijke KPN NV en KPN BV, T-Mobile Netherlands BV, Tele2 Nederland BV, Ziggo BV, Vodafone Libertel BV, UPC Nederland BV en UPC Business BV

*Konvenuta:* Autoriteit Consument en Markt (ACM)

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva Kwadru ([1]) moqri flimkien mal-Artikoli 8 u 13 tad-Direttiva tal-Aċċess ([2]), għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti nazzjonali li quddiemha titressaq kawża dwar il-legalità ta' tariffa li hija orjentata lejn l-ispejjeż imposta mill-awtorità regolatorja nazzjonali (ARN) fis-suq bl-ingrossa tat-terminazzjoni ta' telefonati, tista' fil-prinċipju ma ssegwix ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Mejju 2009 dwar it-Trattament Regolatorju tar-Rati ta' Terminazzjoni ta' Telefonati Fissi u Ċellulari fl-UE (2009/396/KE) ([3]), li tirrakkomanda l-metodu BULRIC pur inkwantu miżura xierqa ta' regolamentazzjoni tal-prezzijiet fis-swieq tat-terminzazzjoni ta' telefonati, jekk hija tikkunsidra li l-punti ta' fatt tal-każ li tressaq quddiemha u/jew kunsiderazzjonijiet ta' dritt nazzjonali u internazzjonali jimponu dan?